



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-15 ta' Frar 2018

L-awdituri jappellaw għal iktar obbligu ta' rendikont fil-finanzi tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri illum appellat biex issir enfasi ikbar fuq il-valur miżjud fil-Baġit tal-UE, kif ukoll biex ikun hemm iktar flessibilità u trasparenza, u obbligu ta' rendikont ikbar. Il-proposti jsiru f'dokument informattiv u analitiku li jgħib it-titlu "Future of EU finances: Reforming how the EU Budget operates" (Il-futur tal-finanzi tal-UE: Nirrifurmaw il-mod kif jopera l-Baġit tal-UE). Id-dokument huwa r-risposta tal-awdituri għad-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-futur tal-finanzi tal-UE - pass importanti fl-iżviluppar tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Jan Gregor, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għad-Dokument Informattiv u Analitiku, qal "Għalkemm mhuwiex f'idejn il-Qorti Ewropea tal-Awdituri li tagħti l-fehmiet tagħha dwar id-daqs jew l-allokazzjoni tal-infiq tal-UE jew dwar l-għażla tad-dħul tal-UE, huwa r-rwol tagħna li nipprovdu pariri biex isir titjib fil-ġestjoni finanzjarja, fit-trasparenza u fl-obbligu ta' rendikont tas-sistema tal-baġit tal-UE."

Il-proposti prinċipali tal-awdituri huma dawn li ġejjin:

Jiġi ddefinit il-valur miżjud tal-UE

L-awdituri appellaw għal kunċett robust tal-valur miżjud tal-UE li jrid jintuża biex jiġu identifikati opportunitajiet biex jiżdied il-valur fil-Baġit tal-UE, biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq u biex jiġu vvalutati r-riskji li l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji jippreżentaw għall-finanzi tal-UE.

L-awdituri jgħidu jenħtieġ li l-kunċett jipprovdi nozzjoni iktar komprensiva u eżatta tal-ispejjeż, tal-benefiċċji u tal-bilanċi netti tas-sħubija mal-UE. L-awdituri jipproponu li l-Kummissjoni Ewropea tanalizza kemm il-vantaġġi finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji tas-sħubija mal-UE.

Isir titjib fil-kapaċità ta' rispons tal-baġit tal-UE

L-awdituri jipproponu li jsir titjib fil-kapaċità ta' rispons tal-Baġit tal-UE għal ċirkostanzi li qed jinbidlu billi jsir iktar flessibbli u billi tiġi introdotta sistema ta' riżervi biex ikopru l-infiq fuq terminu twil u avvenimenti imprevisti.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument informattiv u analitiku mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-dokument sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

eca.europa.eu

Jiġi ppubblikat pjan finanzjarju komprensiv

L-awdituri jipproponu li l-Kummissjoni tippubblika pjan finanzjarju fuq terminu medju sa terminu twil biex il-Baġit tal-UE jikkomplementa l-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Jenħtieġ li dan jinkludi l-impenji pendenti, il-prefinanzjament u l-obbligazzjonijiet kontinġenti mistennija, previżjoni tal-pagamenti, analiżi tal-kuntest ekonomiku u finanzjarju u valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-elementi prinċipali tal-pjan jiġu aġġornati kull sena.

Issir iktar enfasi fuq il-prestazzjoni

L-awdituri jipproponu li l-ippjanar finanzjarju tal-UE jiġi allinjat mal-prijoritajiet strateġiċi, filwaqt li jiġu ddefiniti r-riżultati ewlenin li jridu jinkisbu, jitnaqqas l-għadd ta' programmi ta' nfiq, objettivi u indikaturi u r-rappurtar isir iktar issimplifikat u aċċessibbli.

Il-finanzi tal-UE jsiru iktar trasparenti u jkollhom obbligu ta' rendikont ikbar

L-awdituri jappellaw għal sorveljanza demokratika sħiħa fuq il-finanzi kollha tal-UE. Jenħtieġ li l-istess prinċipji ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza japplikaw għal korpi inklużi fil-Baġit tal-UE, bħall-Kummissjoni Ewropea, u dawk li mhumiex, bħall-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Jitwettqu awditi pubbliċi tal-korpi kollha relatati mal-UE

L-awdituri jgħidu li jenħtieġ li huma jkunu jistgħu jawditjaw il-korpi kollha tal-UE kif ukoll korpi maħluqa barra mill-ordni ġuridiku tal-UE li jimplimentaw il-politiki tal-UE. Dan jinkludi l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, il-Fond Monetarju Ewropew propost, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u l-operazzjonijiet tal-BEI mhux relatati mal-Baġit tal-UE.

Nota lill-Edituri

Matul it-tieni trimestru tal-2018, l-Awdituri tal-UE qed jippjanaw ukoll li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, dwar il-futur tal-Politika Agrikola Komuni, dwar is-simplifikazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u dwar is-simplifikazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni. Barra minn hekk, huma qed jippjanaw li joħroġu Opinjonijiet dwar il-proposti leġiżlattivi għad-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji u dwar il-leġiżlazzjoni għal programmi ta' nfiq settorjali, kif meħtieġ.